MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Numru 735/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs**
**Alessia Do Vito**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alessia Do Vito detentrici ta’ karta ta’ l-identita Taljana bin-numru AR7079627, akkuzata talli:

(a) Nhar id-19 ta’ Lulju 2010 ghall-habta ta’ 4 a.m. gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta xorta li ma titqsiex vjolenza pubblika kontra PC 1119 Peter De Raffaela, membru tal-korp tal-Pulizija, waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita kompetenti;

(b) U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet tal-pulizija;
(c) U iktar talli kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni, f'liema ammissjoni insistiet anke wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputata, wara li hadet l-informazzjoni li deherilha rigward l-incident li wasal ghall-akkuzi odjerni.

Rat l-Artikolu 96, 338 (ee), 338 (dd), 17 tal-Kap 9, tiddeciedi li tilliberaha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata ir-responsabbiltajiet taghha skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------